MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Numru. 1040/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Paul Debattista**

Illum l-10 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Paul Debattista iben John u Carmela nee' Galea, imwieled il-Pieta' nhar it-8 ta' Frar 1963, residenti 17, Redeemer, Triq Xandru Farrugia, Tarxien u detentur ta' karta tal-identita b' numru l04563M fejn ġie akkużat talli nhar l-24 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 01:30am, ġewwa San Giljan

l. mingħjar il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta Denise Sawyer f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Enzo Sammut f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura ħafifa.

F'kaz ta' ħtija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi għas-sigurta ta' Denise Sawyer u ta' Enzo Sammut ai termini tal-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lix-xiehda prodotti u rat id-dokumenti eżibiti;

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Frar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat, debitament assistit mill-Avukat Difensur tiegħu, tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat illi f'dan il-każ, Denise Sawyer u Enzo Sammut, li huma l-uniċi xhieda okulari tal-Prosekuzzjoni, wara li ġew debitament imwissija mill-Qorti bil-privileġġ tagħhom li ma jwieġbux għal mistoqsijiet li bit-tweġiba tagħhom setgħu jinkriminaw lilhom infushom, u wara li ġew mistoqsija mill-Qorti separatament u speċifikament dwar x'involviment kellhom, jekk kellhom, f'dan l-inċident li allegatament seħħ fl-24 ta' Settembru, 2013 għal ħabta tas-1.30 ta' filgħodu f'San Ġiljan, huma t-tnejn saħqu li ma xtaqux illi jwieġbu għal din il-mistoqsija u għal mistoqsijiet oħrajn relattivi għall-dan l-inċident, għaliex bit-tweġiba tagħhom huma setgħu jinkriminaw lilhom infushom, u dan fid-dawl tal-involviment tagħhom f'dan il-każ sa mill-bidu tiegħu.

Rat ulterjorment li dawn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jinsabu wkoll akkużati b'akkużi separati fir-rigward tal-allegat involviment tagħhom

f'dan l-inċident f'liema inċident allegatament ikkommettew tentattiv ta' offiża gravi fuq Paul Debattista nonche kommettew offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu.

Rat inoltre li l-Ispettur Luke Bonello xehed dwar ir-riżultanzi tar-rapporti magħmula rigward dan il-każ mis-subalterni tiegħu u li la huwa u l-anqas is-subalterni tiegħu ma kienu xhieda okulari tal-allegat inċident.

Rat li mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirriżulta li kien hemm inċident fl-istabbiliment "De Ja Vu" f'Paceville fid-data u l-ħin kontestati. L-imputat jiċħad li kien hu li ta' daqqa ta' tazza f'wiċċ Denise Sawyer. Huwa jammetti li fil-fatt kien hemm argument verbali bejniethom – iżda li ma wassal għal ebda aggressjoni da' parti tiegħu kontriha. Anzi huwa jtenni li wara li mar fuq il-Manager tal-istabbiliment Marco Bonnici u informah li mill-għada Denise Sawyer ma kienetx ser tibqa' taħdem hemm, kienet fil-fatt Sawyer li waqt li kienet qed iġġorr tazzi tal-ħġieġ qabdet u kissritlu tazza f'wiċċu – tant li kellu xi demm. Enzo Sammut wara mar ukoll biex jaggredixxi lil Paul Debattista – iżda li wara spiċċaw bis-security jżommuhom it-tnejn li huma. L-imputat jgħid li ma kienx jaf li Denise Sawyer kellha xi daqqa ma wiċċha.

Rat ukoll li Dr. Edward Basile Cherubino ikkonferma ż-żewġt ċertifikati eżibiti a fol 12 u 13 rispettivament. Viva voce dan it-tabib iċċertifika li Sawyer kellha qasma f'wiċċha u fuq rasha mentri fiċ-ċertifikat kien stqarr li kienet sofriet qasma f'wiċċha u oħra f'idha l-leminija. Il-qasma f'wiċċha dewwewha b'kolla apposta biex ma jkollhiex punti. Dan it-tabib, li ma ftakarx kemm kienet kbira din id-daqqa fuq wiċċ Sawyer, stqarr li għalih kienet offiża gravi għaliex kienet teħtieġ il-punti - iżda minflok punti applikawlha l-kolla. Din il-qasma kien hemm ċans li tħalli marka – pero huwa din il-marka ma rahiex – u daqs kemm tista tħalli marka tista' wkoll ma tħallix.

Il-Qorti ikkonstat de visu wiċċ Sawyer u setgħet tara li l-marka għalkemm kienet viżibbli kienet waħda żgħira u tidher ftit meta wieħed jiffoka fuq dik il-parti tal-wiċċ ta' Denise Sawyer – liema marka pero setgħet tikkwalifika għal sfreġju fis-sens tal-Artikolu 216(1)(b) iżda mhux dik skont l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Enzo Sammut irriżulta li kellu abrażjoni fuq ħuġbejh ix-xellugija.

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi oħra x'tipproduċi f'dan il-każ.

Rat, li matul is-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li l-każ setgħa jiġi mħolli għad-deċizjoni tal-Qorti jekk hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża in bażi għall-provi miġbura sallum.

***Ikkunsidrat*** *: -*

Illi din il-Qorti rat diversi sentenzi tal-Qrati Maltin dwar il-grad tal-*prima faciae* fis-sens dwar x'inhu l-grad ta' suffiċjenza ta' provi li jrid jikkonvinċi lil din il-Qorti Istruttorja, in bażi għall-provi prodotti sa' dak il-punt tal-egħluq tal-kumpilazzjoni tal-provi skont l-Artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali dwar l-elementi **kollha** tar-reat/i kontestati.

It-tifsira tal-kunċett tal-*prima faciae* ġiet dibattuta diversi drabi u hija soġġetta għal interpretazzjonijiet differenti u xi drabi kontrastanti. Fosthom hemm dik l-interpretazzjoni abbraċċjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Fatiha Khallouf**" deċiża nhar il-25 ta' Settembru 2001 kif ukoll aktar reċenti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "**Mark Charles Kenneth Stephens vs. Avukat Generali**" deċiża nhar l-14 ta' Frar 2006, fejn inter alia ingħad testwalment : -

g. Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi *prima facie*, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza[14] – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, jew, bhalma qed jigi allegat f'dan il-kaz, ma jkunux jammontaw ghal reat taht il-ligi penali ta' Malta. Hekk, per ezempju, jekk l-imputat jigi akkuzat li seraq karozza, izda mill-provi jkun irrisulta li huwa veru seraq karozza, izda li s-serqa giet imwettqa f'pajjiz barra minn Malta u mhux f'Malta, il-Qorti Istruttorja tkun gustifikata tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

Mill-banda l-oħra l-Qrati Maltin mhux dejjem kienu konkordi fuq din l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-każ "**Fl-Atti tar-Rikors Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija**" deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2010 fejn jingħad li l-Qrati Maltin donnhom sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u għalhekk "jekk il-Magistrat jidhirlu illi l-provi migbura quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista titkompla". Din hija interpretazzjoni li ġiet ukoll segwita mill-Qorti Kriminali fil-każ "**Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra**" dekretat nhar is-27 ta' Frar 2014.

F'dan il-każ il-Qorti għarblet il-provi miġbura s'issa u fl-umli fehma tagħha l-grad ta' suffiċjenza ta' provi mhux biżżejjed biex iwassal sal-grad li trid il-Liġi sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-*prima facie* li dak li kkawża l-offiżi de quo kien effettivament l-imputat odjern.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ, bil-kwalita u n-natura tal-provi prodotti minnha sa dan l-istadju, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tasal li tikkonvinċi lil din il-Qorti fuq bażi probatorja li twassal almenu sat-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli li *prima facie* kien jaħti l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat li Denise Sawyer u Enzo Sammut setgħu sofrew xi offiża fuq il-persuna tagħhom (u li setgħu jiġu kwalifikati bħala ta' natura gravi u ħafifa rispettivament); iżda ma ppruvatx fuq bażi prima facie li kien l-imputat li kkawża dan kollu u dan fid-dawl tan-nuqqas ta' xiehda okulari nonche fin-nuqqas ta' **provi oġġettivi u ammissibbli** li jorbtu lill-imputat.

Fid-dawl ta' dan kollu, wara li ingħalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġbura quddiehma kontra ta' DEBATTISTA Paul, din il-Qorti tiddeċiedi li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-istess jitqiegħed taħt att t'akkuża u għalhekk qegħda tordna l-liberazzjoni tiegħu (discharge) u ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kodiċi Kriminali l-atti tal-Kompilazzjoni flimkien mal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mad-delitt jigi mibgħuta, fi żmien tliet ijiem tax-xogħol lill-Avukat Ġenerali skont il-Liġi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------